# GĦALIEX MELA ..! ?

Aħna nafu, Mulej, li ħtija tagħna
Il-ħrib li qed isir fuq din l-art tiegħek;
Imm' Int Alla ħanin u bans tismagħna
Jekk aħna sogħbenin nitħaddnu miegħek.

Ħares, Mulej, kemm għandu id setgħana
Il-ħajjen li kull jedd fit-tajn imiegħek:
qabel ma l-Qada jasal biex jiblagħna,
Urih, urih, Mulej, kemm jiflaħ Driegħek.

Int għajn ta' Ħaqq u Ħniena: biex tifdina
Mid-dnub ewlieni, bgħatt lil Ibnek f'sura
Mewwieta, u fuq salib ħallas għalina.

Ismu sabiħ u qawwi: "Magħna-hu-El:"
Għaliex mela, o Ħanin, fuq art għajjura
Għandu jagħleb Kajjin u jmut Abel! ?

DUN KARM.